MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 248/1989/1

**Bonaventura sive Benny Camilleri**

**Vs**

**John Cuschieri**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur hatar lill-konvenut sabiex jezegwilu diversi xoghlijiet fl-injam ta’ ghamara u ta’ aperturi (inkluz il-bieb ewlieni ta’ barra) destinati biex jitqeghdu god-dar ta’ abitazzjoni ta’ l-attur, liema xoghlijiet kienu ta’ valur li jaqbez l-erbat elef u hames mitt lira kif kellu jigi ahjar

deskritt fit-trattazzjoni, u li kellhom ikunu konsenjati skond ma titlob is-sengha;

Premess illi, minbarra depositu sostanzjali mhallas lill-konvenut qabel ma nbeda x-xoghol, l-attur kien gie mitlub mill-konvenut li jhallas, kif fil-fatt ghamel, il-prezz kollu tax-xoghol miftiehem, wara li l-konvenut kien ikkonsenja parti mill-istess xoghlijiet;

Premess illi, ma' l-ahhar pagament, moghti lill-konvenut fit-tnejn (2) ta' Gunju, 1988, il-konvenut obbliga ruhu bil-miktub (Dok "A") li jtemm xoghlijiet li kien ghad fadlilhom xi raffinar, li jikkonsenja l-bqija tal-bicciet ta' l-ghamara li taghhom kien diga thallas, u li jirrimedja xi difetti li rrizultaw u li dwarhom 1-attur u martu kienu attiraw l-attenzjoni tal-konvenut, kif ser jigi spjegat;

Premess illi, oltre dan, il-konvenut ikkonsenja xi siggijiet tal-kamra tal-pranzu tad-dar ta' l-attur li ma kienux skond l-ispecifikazzjonijiet miftehma bejn il-partijiet, u l-attur talab lill-konvenut minnufih sabiex jirrimpjazzahom u li ma kienux accettabbli ghalih;

Premess ukoll illi, bdew jirrizultaw difetti fil-mobbli u l-aperturi konsenjati tali li wrew b'mod lamparti li x-xoghol konsenjat mill-konvenut kien ta' kwalita` inferjuri u mhux maghmul kif titlob is-sengha;

Premess illi l-konvenut naqas li jwettaq ix-xoghlijiet rimedjali u finali li ntrabat li jaghmel, kif fuq inghad, mal-pagament tat-2 ta' Gunju, 1988, bir-rizultat li l-oggetti inkompjuti tgharrqu u tkaghbru minhabba tali inadempjenza;

Premess illi l-konvenut baqa' inadempjenti u naqas li jwettaq, minkejja diversi talbiet anke permezz ta' att gudizzjarju, l-appalt lilu moghti kif pattwit, u l-attur sofra u qed isofri danni konsiderevoli minhabba dan l-agir tal-konvenut;

Talab ghalhekk l-attur lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara, jekk mehtieg bl-ghajnuna ta’ perit minnha mahtur, li l-konvenut naqas li jwettaq ghal kollox u skond ma titlob is-sengha, l-inkarigu lilu moghti mill-attur, ghall-fornitura ta’ diversi xoghlijiet ta’ ghamara u aperturi ghad-dar ta’ l-attur, kif fuq inghad u skond il-patti ta’ bejniethom u kif titlob is-sengha;

2. Tordna lill-konvenut biex jikkonsenja lill-attur, fiz-zmien qasir u perentorju minnha lilu prefiss, ix-xoghlijiet kollha ordnati li jirrizulta li ma gewx konsenjati filwaqt li jirrimpjazza dawk li ma sarux skond is-sengha, kollox a spejjez ta’ l-istess konvenut;

3. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni li l-attur sofra minhabba dak l-inadempiment da parti tal-konvenut;

4. Tillikwida, permezz ta’ l-istess perit nominand, id-danni hekk sofferti mill-attur;

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni; u

6. Tawtorizza lill-attur li, f’kaz li l-konvenut jonqos li jottempera ruhu fit-terminu lilu koncess, jinkariga lil min jaghmel a spejjez ta’ l-istess konvenut ix-xoghlijiet kollha mehtiega biex jigi kompletat l-appalt u/jew rimedjati d-difetti ta’ l-appalt kif fuq imfisser;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ ittra interpellatorja ta’ l-4 ta’ Novembru, 1988 u tal-Protest Gudizzjarju tad-9 ta’ Jannar 1989, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma ghall kollox intempestivi stante li ma kien hemm ebda terminu meta fil-fatt kellu jitlesta l-ahhar parti tax-xoghol, li kollu kemm hu gie ikkonsenjat lill-attur, u l-ahhar bicciet tax-xoghol gja ikkonsenjat kien fil-fatt ghadu qed isir ix-xoghol fuqu mill-esponenti bl-approvazzjoni ta' l-istess attur;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghal dak premess, ix-xoghol kollu gie ikkonsenjat mill-eccipjenti lill-attur, li accetta u ghogbu l-istess xoghol, u li kien baqa biss kienu irqaqat li l-eccipjenti kien fil-kors li jikkompleta, meta minflok saret din il-kawza intempestiva;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess, rigwardanti s-siggijiet dawn gew maghmula fuq siggu li l-istess attur ra bhala kampjun, u saru kollha skond l-ordnijiet ta' l-istess attur;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici kienu lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol kollu sar skond kif ordna l-istess attur u skond is-sengha u l-arti;

5. Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet rigwardanti danni huma kemm intempestivi stante li la darba l-ahhar naqriet tax-xoghol kien ghad qed isiru bi ftehim ma' l-istess attur, din il-procedura qatt ma messha giet institwita, u fit-tieni lok u kompletament bla ebda fondament kemm fattwali u kemm legali;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat ukoll id-digriet tat-8 ta’ Novembru 1989 fejn gie nominat bhala perit gudizzjarju lil AIC Gino Refalo biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit gudizzjarju li tinsab a fol. 58 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-12 ta’ Dicembru 1996;

Rat it-traskrizzjoni tax-xiehda tal-perit tekniku in eskussjoni moghtija fl-udjenza tas-17 ta’ Ottubru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Din hi azzjoni fejn l-attur, li kkommissjona xoghlijiet fuq l-injam lill-konvenut appaltatur, qed jitlob l-intervent tal-Qorti biex din tikkundanna lill-istess konvenut iwettaq dawk ix-xoghlijiet mhux kompletati u li jirrendi ohrajn skond l-arti u s-sengha. Sussidjarjament, qed jitlob li f'kaz li l-konvenut jibqa' inadempjenti huwa jigi moghti s-setgha li jiehu hsieb jezegwiha hu bi spejjez tal-konvenut. Dan fit-termini ta' l-Artikolu 1127 tal-Kodici Civil;

Il-konvenut jopponi ruhu ghat-talba primarja ta' l-attur billi fl-ewwel lok jeccepixxi l-intempestivita` ta' l-azzjoni ghar-raguni illi l-partijiet ma kienux ippatwew zmien ghall-ezekuzzjoni ta' l-appalt;

Jirrizulta li tabilhaqq f'dan l-appalt ma giex appost terminu ghall-ezekuzzjoni tieghu. Dan ifisser li allura l-konvenut seta' jesegwieh f'kull zmien. Dejjem jekk ma jigix provat li gie kostitwit in mora. Dan ghaliex skond il-ligi taghna meta l-konvenzjoni ma tiffissax terminu ghal kompiment ta' l-obbligazzjoni assunta mhux bizzejjed biex id-debitur jigi dikjarat inadempjenti, imma jehtieg li jkun waqa' f'mora bil-kostituzzjoni tieghu ghal dak l-effett b'interpellazzjoni

gudizzjarja da parte tal-kreditur. Dan jista' jigi hekk rikavat mill-konfront tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-Artikoli 1077, 1078 u 1130 tal-Kodici Civili. Ara fir-rigward id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Charles Portelli et -vs- Joseph Darmanin et pro et noe**", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Jannar 1959 u "**John Fenech -vs- Napoleone Grech**", Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju 1961;

Fil-kaz in ezami, ghallanqas minn dak dikjarat fic-citazzjoni, jidher li r-ritard legali gie kostitwit bl-interpellazzjoni permezz tal-protest gudizzjarju tad-9 ta' Jannar 1989 mibghut mill-attur lill-konvenut. L-ittra legali datata 4 ta' Novembru 1988, li hemm referenza ghaliha wkoll fl-att tac-citazzjoni ma kienetx tibbasta ghall-effett tal-kostituzzjoni in mora. Dan ghaliex "*dove la legge esige che certe interpellazioni perche` siano produttive di effetti giuridici debbono rivestire la forma dell'atto giudiziario non e` lecito ritenere che vi possa supplire la protesta verbale o scritta fatta altrimenti che per organo del tribunale*" ("**Giuseppa Cilia -vs- Giuseppe di R. Wismayer**", Appell Kummercjali, 13 ta' April 1921);

In vista tal-fuq premess, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi respinta;

Il-konvenut jiddefendi ruhu wkoll bit-tieni eccezzjoni tieghu illi x-xoghol konsenjat gie accettat u approvat mill-attur;

Hu principju ben saldat f'materja ta' appalti illi l-appaltatur ma huwiex mehlus mir-responsabilita` u din tibqa' tissussisti allavolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol. Aktar u aktar meta d-difetti ma jkunux immedjatament apparenti u ma jistghux jigu skoperti fil-mument ta' l-approvazzjoni. Bosta drabi gie ribadit mill- Qrati illi l-appaltatur ghandu jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer issir utilment u mhux b'mod li 'il quddiem juri difetti. F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jwiegeb ghad-difetti li jigu 'l quddiem. Vide decizjonijiet a **Vol. XXV P I p 727; Vol. XXVII P I p 373;** u **Vol. XLII P I p 517**;

Kwalsiasi approvazzjoni ghalhekk ma tistax isservi biex tezonera lill-appaltatur mir-responsabilita` ghad-difetti, u dan nonostante kontroll diligenti li seta' sar fil-mument tal-verifika u ta' l-approvazzjoni.  Kien ghalhekk naturali li l-Qorti tahtar espert biex jassisstiha bl-opinjoni teknika tieghu u b'dak il-"*giudizio dell'arte*" li fil-fehma tal-Qorti fil-kawza "**Giswarda Bugeja et -vs- Emanuele Muscat et**", Appell Kummercjali, 23 ta' Gunju 1967, "ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenokke ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli.";

Il-verifiki kondotti mill-perit tekniku dwar id-diversi lanjanzi ta' l-attur, ahjar elenkati fil-lista dettaljata fil-kors ta' l-access tenut fis-7 ta' Mejju 1992 (fol. 107), wassluh ghall-accertamenti, mill-istess perit esposti f'paragrafu 46 sa 50 tar-relazzjoni tieghu, u li din il-Qorti qed taddotta u taghmilhom taghha;

Dan ifisser illi ghad baqa' xoghlijiet rimedjali x'isiru fil-box-frame tal-kcina, l-cupboards, l-aperturi u l-bieb ta' barra. L-uniku ilment li gie skartat mill-perit relatur kien jikkoncerna s-siggijiet.  Ta' min jirrileva illi kwantu ghal bieb ta' barra kien gie maqbul bejn il-partijiet wara li nhalfet ir-relazzjoni illi dan gie lustrat.  Dan kif verbalizzat fis-seduta ta' l-4 ta' Novembru 1998 (fol. 156). B'danakollu r-riparazzjonijiet l-ohra fuq dan l-istess bieb baqghu ma sarux.  Ara risposta ta' l-attur fuq dan is-suggett (fol. 153);

Hemm qbil ukoll ma' l-osservazzjoni tal-perit relatur f'paragrafu 44 tar-rapport tieghu.  Jekk il-konvenut jaf li ma huwiex tas-sengha fix-xoghol ta' l-aperturi, kull insistenza jew pressjoni li seta' kien hemm mill-attur ma tistax tiskansah mir-responsabilita` gjaladarba huwa accetta li jahdem ix-xoghol.  "F'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu 'l quddiem" ("**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);

Minn dak rilevat mill-perit tekniku, kemm fir-relazzjoni tieghu kif ukoll meta imsejjah in eskussjoni (fol. 143), id-difetti, ghalkemm mhux traskurabbli, huma possibbli ta' rettifikazzjoni. In effetti huwa jsostni illi llikwida d-danni f'kaz li x-xoghlijiet ezegwiti hazin ma jigux rimedjati jew rimpjazzati;

Kif inghad fid-decizjoni "**Fortunato Petroni -vs- Carmelo Petroni et**", Qorti tal-Kummerc, 13 ta' Frar 1952, huwa biss meta l-obbligazzjoni ma tkunx tista' aktar tigi ezegwita f'forma specifika illi l-attur, kreditur ta' l-obbligazzjoni, jibqalu l-azzjoni ghad-danni;

"Il-Qorti sejra ssegwi l-gwida u l-insenjamenti pratici, u fl-istess hin guridikament precizi, li jinsabu fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc, kif allura presjeduta mill-kompjant Imhallef Salvatore Schembri, moghtija fid-9 ta' Marzu 1939, fil-kawza fl-ismijiet **Robert Micallef -vs- Joseph Mamo et noe** u pubblikata fil-Koll. Vol. XXX P III p 433. Skond dan il-precedent, bazat fuq il-Vitalevi (Appalto di Opere e Lavori), il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali li huwa dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni jinsab fl-ezami, jekk ix-xoghol, kif jirrizulta, jkunx affett jew le minn vizji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita` taghha, b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata minn natura stess tax-xoghol, waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difetti ma jkunux sostanzjali l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti, pero` jibqa' obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni." - "**Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele et**", Prim' Awla, per Imhallef M. Caruana Curran, 9 ta' April 1968. Din id-decizjoni giet segwita u abbraccjata b'approvazzjoni fid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummerc, tat-22 ta' Gunju 1994 in re: "**John Bonnici nomine -vs- Anthony Sammut**";

Fic-cirkostanzi l-Qorti behsiebha taghti moderata dilazzjoni lill-konvenut ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni tieghu li jirrimedja ghax-xoghol difettuz jew inkompletat. B'dan, naturalment, li ser tirrizerva favur l-attur dak minnu kontemplat fit-tielet, ir-raba' u l-hames talbiet f'kaz li l-konvenut jibqa' ma jikkonformax ruhu ma' l-ordni li ser tinghatalu u fiz-zmien lilu mpost. Ovvjament billi gja skorrew sitt (6) snin mid-data tal-prezentata tar-relazzjoni, hija l-opinjoni tal-Qorti li b'sens ta' gustizzja ma' l-attur ma tibqax marbuta mal-likwidazzjoni danni raggunta mill-perit tekniku. Dan ghaliex dawk l-istess danni kienu fi kliem l-istess perit "ibbazati fuq il-prezzijiet vigenti fil-prezent" u "biex isiru llum".

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-Ewwel Talba u tiddikjara li l-konvenut naqas li jwettaq skond l-arti u s-sengha, jew halla nkompletati x-xoghlijiet elenkati f'paragrafi 46 sa 50 tar-relazzjoni peritali;

Tilqa' wkoll it-Tieni Talba attrici billi tipprefiggi lill-konvenut terminu ta' tliet (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza ghall-iskop fuq imsemmi u dan taht id-direzjoni tal-perit tekniku AIC Michael A. Refalo li qed jigi nominat ghal dan l-iskop;

Tilqa' wkoll is-Sitt Talba u dan fis-sens illi f'kaz li l-konvenut ihalli z-zmien lilu moghti jghaddi inutilment l-attur hu minn issa awtorizzat jezegwixxi x-xoghlijiet necessarji dejjem taht id-direzzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku. F'liema eventwalita` l-konvenut ikollu jaghmel tajjeb ghall-ispiza zejda nkorsa mill-attur dejjem tenut rigward tas-senjalazzjonijiet ta' l-istess perit tekniku fl-ambitu tax-xoghlijiet kommissjonati mill-attur lill-konvenut;

Fic-cirkostanzi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu qies tat-Tielet, ir-Raba' u l-Hames talbiet.

L-ispejjez tal-kawza huma a karigu tal-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------